SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 40/KA1/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 29/04/'14** **40**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 29/04/'14** **50**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati:- Il-Membru Maria Dolores Falzon
Is-Sindku Peter Bonello

1.05 Assenti: Il-Membru Micheal La Rosa

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

### 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Marzu 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2014
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 39/KA1/13 għall-approvazzjoni u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
| --- | --- |
| P138&KA0033 | Korrispondenza rigward tneħħija ta'parkeġġ fi Triq Spinola. |
| P148 | Ittra mingħand San Giuliano Catering Ltd dwar tisbiħ u manutenzjoni ta' "*existing staircase*". |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P138 & KA0033

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward tneħħija ta' Parkeġġ fi Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament li Transport Malta tigi nfurmata li ġa la darba nħareġ il-permess tal-MEPA il-Kumitat Amministrattiv Paceville jidhirlu li m'għandux jagħti l-kummenti tiegħu.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2014**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2014 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

3.03 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

3.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat li fix-xhur tas-Sajf l-MTA ser tipprovdi servizz adizzjonali tat-tindif ġewwa Paceville.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 289 sa nru. 299 u pproponihom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.04 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2014 fl-10.00 a.m.

6.05 Il-laqgħa ntemmet 11.00 a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**